**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MIRIAM HAYMAN LL. D.**

**Kumpilazzjoni 673/01**

**Il-Pulizija**
**(Sp. Jason Agius)**

**vs**

**John Sultana ta' 50 sena, iben Richard u Carmela nee Scerri, mwieled Santa Venera fit-13 ta' Gunju, 1951 u residenti 'Jolin' Triq Ganni Faure, Tarxien, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 512551 (M).**

**Illum 30 ta' Novembru, 2001.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi John Sultana li gie akkuzat talli bejn 14 ta' Frar, 1997 u l-31 ta' Jannar, 2001 u fis-snin ta' qabel fil-fond 'Jolin' Triq Ganni Faure, Tarxien bhala detentur ta' l-imsemmi fond jew bhala persuna illi kellu f'idu l-imsemmi fond, b'diversi atti maghmulin minnu, fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ikkommetta serq ta' kurrent elettriku minn meter tad-dawl li jinsab fl-imsemmi fond li jammonta ghal Lm 300.11c6 ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta liema serq hu aggravat bil-mezz, hin u ammont.

U aktar talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi ghamel hsara fil-makkinarju u/jew fil-gumni ta' l-elettriku, jew ikkaguna telf ta' kurrent elettriku jew ghamel hsara jew kisser xi parti mill-meter tad-dawl, jew is-sigilli tieghu, jew xi parti minn xi apparat jew gumni

wzati fil-provista ta' l-elettriku jew is-sigilli taghhom ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta.

Il-Qorti giet mitluba li tapplika l-provediment ta' l-Art 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali.

Rat li l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji.

Rat l-ammissjoni tieghu, issibu hati in kwantu hekk ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat l-artiklu 261, 263, 264, 267, 268, 278 u 17 tal-Kap 9. Rat ukoll il-verbal tal-llum li sar ftehim fuq il-hlas mal-Korporazzjoni. Rat li l-fedina penali tieghu hija kompletament nadifa in vista ta' hekk rat l-art 9 tal-Kap 152 u qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-llum.

Il-Qorti spjegat s-sinifikat ta' liberazzjoni bil-kundizzjoni lill-imputat.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.